

Brussell, 12 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

12331/1/23
REV 1

EF 255
ECOFIN 820
SURE 9
CODEC 1480

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 455 final/2
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-ambitu tar-Regolament (UE) 2016/1011, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu kontinwu minn entitajiet taħt superviżjoni ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi u dwar nuqqasijiet potenzjali tal-qafas attwali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 455 final/2.

Mehmuż: COM(2023) 455 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.10.2023
COM(2023) 455 final/2

CORRIGENDUM

This document corrects document COM(2023) 455 final of 14.7.2023.

Concerns all language versions.

On page 5,

for: 'Table 2: Overview of the number of EU and non-EU benchmark administrators'

read: 'Table 1: Overview of the number of EU and non-EU benchmark administrators, according to information received from ESMA, based on data from Rimes Technologies - Data Management for Financial Services (www.rimes.com)'.

On page 6, footnote 18,

for: 'Reported by ESMA on the basis of a commercial database'

read: 'According to information received from ESMA, based on data from Rimes Technologies - Data Management for Financial Services (www.rimes.com)'.

The text shall read as follows:

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-ambitu tar-Regolament (UE) 2016/1011, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu kontinwu minn entitajiet taħt superviżjoni ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi u dwar nuqqasijiet potenzjali tal-qafas attwali

1. Introduzzjoni	2
2. Il-kontest politiku u ġuridiku.....	2
3. Valutazzjoni.....	9
4. Il- passi li jmiss.....	11

1. INTRODUZZJONI

Parametru referenzjarju⁽¹⁾ huwa indiċi li jintuża bħala referenza biex jiġi ddeterminat il-prezz ta' strument finanzjarju jew kuntratt finanzjarju. Bħalissa qed tiġi prodotta varjetà wiesgħa ta' parametri referenzjarji, inklużi parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax bħal EURIBOR, parametri referenzjarji tal-ekwità u parametri referenzjarji tal-komoditajiet, pereż. parametri referenzjarji tal-enerġija bħal West Texas Intermediate (WTI) jew Brent. Il-parametri referenzjarji jvarjaw f'termini tad-*data* sottostanti użata, kif tinġabar id-*data* sottostanti, kif jiġi kkalkulat il-parametru referenzjarju u kif dan jiġi disseminat lill-utent finali.

Is-swieq finanzjarji huma swieq globali, u l-parametri referenzjarji jiġu prodotti u użati internazzjonalment. Il-banek Ewropej, il-fondi ta' investiment u utenti oħra ta' parametri referenzjarji⁽²⁾ jirreferu għal parametri referenzjarji tal-UE u mhux tal-UE għal diversi skopijiet, mill-iħħeġġjar tar-riskji tagħhom stess, inklużi r-riskji tal-imgħax, tal-kreditu u tal-kambju, u l-offerta ta' prodotti għall-iħħeġġjar tar-riskju tal-klijenti tagħhom, sal-istabbiliment ta' portafoll ta' investiment bl-użu tal-parametru referenzjarju jew bħala mudell ta' investiment jew bħala parametru referenzjarju tal-prestazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-parametri referenzjarji (aktar minn 3,6 miljun) huma prodotti minn amministraturi barra mill-UE⁽³⁾. Ir-regoli fir-Regolament (UE) 2016/1011 (ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji / BMR) dwar l-użu ta' parametri referenzjarji mhux tal-UE huma għalhekk ta' importanza kbira⁽⁴⁾.

Dan ir-rapport iwettaq il-mandat fl-Artikolu 54(6) tal-BMR, li jitlob rapport dwar l-ambitu ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu kontinwu minn entitajiet taħt superviżjoni ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi u dwar nuqqasijiet potenzjali tal-qafas attwali. Dan ir-rapport u l-konklużjoni tiegħu jissodisfaw ukoll il-kundizzjoni għall-adozzjoni ta' att delegat skont l-Artikolu 54(7) tal-BMR, biex jiġi estiż il-perjodu tranżitorju qabel ma jibdew japplikaw ir-regoli għall-użu ta' parametri referenzjarji mhux tal-UE.

2. IL-KUNTEST POLITIKU U ĠURIDIKU

Il-forniment u l-użu ta' parametri referenzjarji ilhom attivitajiet regolati skont il-BMR sa mill-2016. L-amministraturi tal-parametri referenzjarji kollha fl-UE⁽⁵⁾ huma taħt superviżjoni nazzjonali jew tal-UE⁽⁶⁾ u jridu jikkonformaw mar-regoli organizzazzjonali u r-regoli dwar il-kondotta tan-negozju.

Il-BMR essenzjalment jimplementa l-Prinċipji għall-Parametri Referenzjarji Finanzjarji tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (il-Prinċipji IOSCO), jew, fejn applikabbli, il-Prinċipji għall-Aġenziji tar-Rappurtar tal-Prezzijiet taż-Żejt (il-

⁽¹⁾ Indiċi huwa kejl statistiku, tipikament ta' prezz jew kwantità, ikkalkulat jew determinat minn sett rappreżentattiv ta' *data* sottostanti.

⁽²⁾ L-entitajiet taħt superviżjoni huma definiti fl-Artikolu 3(1)(17) tal-BMR.

⁽³⁾ Skont l-informazzjoni li waslet mingħand l-ESMA, li hija bbażata fuq data minn Rimes Technologies - Ġestjoni tad-Data għas-Servizzi Finanzjarji (www.rimes.com).

⁽⁴⁾ B'mod partikolari l-Artikolu 29(1) *in fine* u l-Artikoli 30-33 tal-BMR.

⁽⁵⁾ Għall-parametri referenzjarji kollha ħlief il-parametri referenzjarji ta' importanza kritika tal-UE.

⁽⁶⁾ Il-parametri referenzjarji ta' importanza kritika tal-UE huma ssorveljati mill-ESMA.

Prinċipji IOSCO PRA). Dawn iż-żewġ settijiet ta' prinċipji ġew żviluppati fil-livell internazzjonali fl-2012-2013 b'reazzjoni għal diversi rivelazzjonijiet dwar il-manipulazzjoni tal-parametri referenzjarji u għadhom iservu bħala punt fokali importanti għal sistemi ta' regolamenti tal-parametri referenzjarji madwar id-dinja. Il-biċċa l-kbira tal-amministraturi ta' parametri referenzjarji professjonali josservaw il-prinċipji, għalkemm fil-biċċa l-kbira fuq bażi ta' awtoċertifikazzjoni.

Ambitu tal-BMR

Il-BMR huwa vinkolanti fuq l-amministraturi tal-parametri referenzjarji kollha tal-UE, bi ksur punibbli b'multi sa 10 % tal-fatturat annwali tal-parti li tkun wettqet il-ksur. B'kuntrast mar-reġimi legali għall-parametri referenzjarji f'gürizdizzjonijiet oħra, il-BMR għandu ambitu wiesa', ibbażat fuq il-premessa li l-parametri referenzjarji finanzjarji kollha u l-amministraturi kollha huma potenzjalment soġġetti għal kunflitti ta' interess. Għalhekk, il-BMR mhux biss ikopri parametri referenzjarji b'rilevanza sistemika u parametri referenzjarji li huma speċjalment suxxettibbli għal kunflitti ta' interess, iżda wkoll parametri referenzjarji u parametri referenzjarji inqas użati fejn x'aktarx ma jkunx hemm kunflitti ta' interess. Għal din ir-raġuni, ġew inkorporati elementi sinifikanti ta' proporzjonalità fil-BMR abbażi ta' differenzi bejn il-parametri referenzjarji f'termini ta' karatteristiċi u vulnerabbiltajiet⁽⁷⁾. Fl-aħħar nett, biex jittaffa kwalunkwe riskju ta' arbitraġġ regolatorju, l-użu ta' parametri referenzjarji mhux tal-UE kien ipprojbit, ħlief meta jkunu soġġetti għal regolamentazzjoni u superviżjoni lokali ekwivalenti, jew fejn amministratur ta' parametru referenzjarju jikkonforma volontarjament mal-BMR u jfittex aċċess għas-suq tal-UE permezz ta' rikonnoxximent jew approvazzjoni.

Il-BMR daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018, b'perjodu tranżitorju għall-parametri referenzjarji eżistenti u għall-parametri referenzjarji mhux tal-UE sal-31 ta' Diċembru 2019. Aktar tard dik l-iskadenza ġiet posposta darbtejn u issa hija l-31 ta' Diċembru 2023⁽⁸⁾.

Il-proposta għal dak li jsir ir-rieżami tal-BMR tal-2020 eżaminat l-effetti tar-regoli tal-pajjiżi terzi previsti fil-BMR fuq id-disponibbiltà ta' ċerti parametri referenzjarji tal-kambju (FX) għall-parteciċipanti fis-suq tal-UE, peress li l-parteciċipanti fis-suq indikaw li l-Artikolu 29 (1) tal-BMR jirrestrinġi l-aċċess għal ħafna minn dawn il-parametri referenzjarji jekk il-kapitolu tal-pajjiż terz jidħol fis-seħħ.⁽⁹⁾ Sfida partikolari għal dawn il-parametri referenzjarji biex jiġi żgurat l-aċċess għas-suq tal-UE tinsab fil-fatt li dawn ġeneralment ma jiġux prodotti għal skopijiet kummerċjali u spiss jiġu ppubblikati minn entitajiet semipubbliċi jew huma taħt il-kontroll tal-gvernijiet li jużawhom bħala għodda ta' politika. Peress li huma ppubblikati fuq bażi mhux kummerċjali, l-amministraturi tagħhom ma għandhomx inċentiv ekonomiku biex ifittxu konformità mal-BMR. Filwaqt li rrikonnoxxew ir-riskju li l-entitajiet taħt superviżjoni tal-UE jistgħu jitħallew mingħajr aċċess għall-parametri referenzjarji FX meħtieġa biex jiħħeġġjaw l-attivitajiet kummerċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, il-koleġiżlaturi taw is-setgħat lill-Kummissjoni biex tippermetti l-użu ta' parametri referenzjarji speċifiċi tal-FX.

B'mod aktar ġenerali, il-koleġiżlaturi fehmu li d-dħul fis-seħħ tar-regoli dwar il-parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi potenzjalment jaffettwa d-disponibbiltà ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi għall-utenti tal-parametri referenzjarji tal-UE lil hinn mis-subsett speċifiku ħafna tal-parametri referenzjarji tal-FX. Kien ukoll matul dan il-proċess

⁽⁷⁾ Pereżempju, hemm gradwazzjoni bejn parametri referenzjarji kritiċi, sinifikanti u mhux sinifikanti abbażi tal-volum ta' kuntratti finanzjarji u strumenti finanzjarji li jirreferenzjaw parametru referenzjarju, bl-amministraturi taż-żewġ kategoriji tal-aħħar ikollhom l-għażla li ma japplikawx ċerti rekwiżiti fuq bażi ta' konformità jew spjegazzjoni (ara l-Artikoli 25 u 26 tal-BMR). Barra minn hekk, il-parametri referenzjarji li jużaw *data* tal-input regolata fis-sors (l-hekk imsejħa parametri referenzjarji tad-*data* regolata) huma soġġetti għal regoli inqas stretti dwar il-kontrolli tad-*data* tal-input (ara l-Artikolu 17 tal-BMR).

⁽⁸⁾ Permezz tar-Regolament (UE) 2019/2089 u r-Regolament (UE) 2021/168

⁽⁹⁾ Ara r-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020SC0142>

ta' negozjati li l-koleġislaturi inkludew il-mandat ta' rieżami fl-orġini ta' dan ir-rapport.⁽¹⁰⁾

⁽¹⁰⁾ L-Artikoli 54(6) u 54(7) tal-BMR.

Regoli għall-użu ta' parametri referenzjarji mhux tal-UE⁽¹⁾

Skont ir-regoli attwali ta' pajjiżi terzi, il-parametri referenzjarji mhux tal-UE jistgħu jintużaw fl-UE dment li jiksibu aċċess permezz ta' waħda mit-tliet rotot speċifikati fil-BMR.

L-ewwel rotta hija l-**ekwivalenza (l-Artikolu 30 BMR)**, li tiegħu l-forma ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tiddikjara li l-qafas regolatorju f'pajjiż terz jimponi rekwiżiti vinkolanti ekwivalenti għal dawk tal-BMR, u li dawk ir-rekwiżiti huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi. Żewġ varjanti ta' deċiżjoni bħal din huma disponibbli, jew li jkopru l-ambitu kollu tar-regolament tal-parametru referenzjarju ta' ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz jew li jkopru biss amministraturi speċifiċi, parametri referenzjarji speċifiċi jew familji ta' parametri referenzjarji. Ladarba tittieħed deċiżjoni dwar l-ekwivalenza, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA) tikkuntattja lis-superviżur tal-pajjiż terz u tfassal arranġamenti ta' kooperazzjoni li jkopru l-iskambju ta' informazzjoni u n-notifika fil-pront jekk awtorità kompetenti ta' pajjiż terz issib amministratur li jkun qed jikser l-obbligi legali tiegħu. Il-parametri referenzjarji koperti minn deċiżjoni ta' ekwivalenza huma inklużi fir-reġistru tal-ESMA tal-parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi li huma disponibbli għall-użu fl-UE. L-Awstralja u Singapore biss ingħataw ekwivalenza parzjali, bi ftit ġurisdizzjonijiet oħra li esprimew interess.

Filwaqt li l-ekwivalenza tiddependi fuq il-fatt li l-leġiżlatur u / jew is-superviżur ta' pajjiż terz jieħdu l-inizjattiva li jikkuntattjaw lill-Kummissjoni Ewropea, iż-żewġ rotot ta' aċċess ta' hawn taħt jistgħu jintużaw fuq l-inizjattiva tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji biss, jew tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji attivi f'ġurisdizzjoni fejn ma jkunux soġġetti għal regolamentazzjoni vinkolanti.

It-tieni rotta ta' aċċess hija l-**approvazzjoni (l-Artikolu 33 BMR)**, li fiha entità taħt superviżjoni tal-UE (li tista' tkun amministratur ta' parametru referenzjarju jew tip ieħor ta' entità soġġetta għal superviżjoni minn awtorità nazzjonali kompetenti tal-UE) tassumi responsabbiltà regolatorja għal parametru referenzjarju mhux tal-UE. Il-BMR jistabilixxi li l-entità li tapprova jenħtieġ li jkollha "rwol ċar u definit sew fi ħdan il-qafas ta' kontroll jew obbligu ta' rendikont ta' amministratur ta' pajjiż terz" u hija kapaċi "timmonitorja b'mod effettiv il-forniment ta' parametru referenzjarju". Fost kundizzjonijiet oħra, il-BMR jeħtieġ raġuni oġġettiva għaliex il-parametru referenzjarju jiġi prodott barra mill-UE. Parametri referenzjarji jew familji ta' parametri referenzjarji approvati huma inklużi fir-reġistru tal-ESMA tal-parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi.

It-tielet rotta ta' aċċess għal parametri referenzjarji mhux tal-UE hija r-rikonossiment (**l-Artikolu 32 BMR**). Skont din l-iskema, amministratur ta' pajjiż terz jeħtieġ li jkollu rappreżentant legali, jiġifieri, persuna fiżika jew ġuridika li tinsab fl-UE u espressament maħtura minn dak l-amministratur biex taġixxi f'ismu fir-rigward tal-obbligi tiegħu skont il-BMR. L-amministratur jeħtieġ li juri konformità mar-rekwiżiti ewlenin tal-BMR lill-ESMA, li tista' tikkonkludi arranġament ta' kooperazzjoni mas-superviżur domestiku tal-amministratur fejn applikabbli.

Kemm ir-rikonossiment kif ukoll l-approvazzjoni jistgħu jinbdew minn amministratur mhux tal-UE li jixtieq jikkummerċjalizza l-parametri referenzjarji tiegħu lil entitajiet taħt superviżjoni tal-UE. Madankollu, il-kisba ta' aċċess permezz ta' waħda minn dawn ir-rotot

⁽¹⁾ B'mod partikolari l-Artikolu 29(1) *in fine* u l-Artikoli 30-33 tal-BMR.

teħtieġ li amministratur ikollu interess ekonomiku li jagħmel dan. Jekk ma jkunx hemm, amministratur mhux tal-UE ma jagħmilx l-isforz biex jistabbilixxi u jirrimunera l-preżenza meħtieġa fl-Unjoni, u l-utenti tal-UE jiġu mċaħħda mill-parametri referenzjarji kkonċernati.

Stampa tas-suq tal-UE għall-parametri referenzjarji

72 amministratur tal-parametri referenzjarji tal-UE bħalissa huma elenkati fir-reġistru tal-ESMA. Mill-parametri referenzjarji li qed jintużaw bħalissa fl-UE, wieħed (EURIBOR) huwa parametru referenzjarju ta' importanza kritika taħt is-superviżjoni tal-ESMA⁽¹²⁾. Tlieta - ir-Rata Offruta tal-Interbank ta' Stokkolma (STIBOR), ir-Rata Offruta tal-Interbank tan-Norveġja (NIBOR) u r-Rata Offruta tal-Interbank ta' Varsavja (WIBOR) huma parametri referenzjarji ta' importanza kritika taħt superviżjoni nazzjonali⁽¹³⁾. Dawn il-parametri referenzjarji ta' importanza kritika kollha huma parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax, u kull wieħed minnhom huwa amministratur minn amministratur differenti tal-UE. Stħarriġ informali tas-superviżuri nazzjonali mill-ESMA żvela li f' Settembru 2022, sitt amministraturi tal-parametri referenzjarji taħt superviżjoni Ewropea (tlieta mill-UE u tlieta mhux tal-UE⁽¹⁴⁾) joffru total ta' 50 parametru referenzjarju sinifikanti⁽¹⁵⁾. Barra minn hekk, minn Marzu 2023, hemm total ta' 12-il amministratur li jipprovdu parametri referenzjarji klimatiċi tal-UE, li nofshom huma soġġetti għal superviżjoni Ewropea taħt il-BMR: ħamsa taħt superviżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali u waħda sorveljata mill-ESMA taħt ir-reġim ta' rikonoxximent.

Ir-reġistru tal-ESMA jelenka wkoll 14-il amministratur mhux tal-UE, li jagħżlu rotot ta' aċċess li jvarjaw. Id-deċiżjonijiet dwar l-**ekwivalenza** għall-Awstralja u Singapore jkopru żewġ amministraturi u total ta' seba' parametri referenzjarji. Żewġ amministraturi tal-parametri referenzjarji (S&P Dow Jones Indices LLC u SIX Index AG) għażlu r-rotta ta' **approvazzjoni** għal total ta' 4 597 parametru referenzjarju. Permezz tar-rotta ta' **rikonoxximent**, ġew inklużi 10 amministraturi⁽¹⁶⁾ fir-reġistru tal-ESMA, b'total ta' 15 245 parametru referenzjarju koperti.

⁽¹²⁾ L-Artikolu 20(1)(a) tal-BMR, li jirrikjedi li parametru referenzjarju jiġi referenzjat minn ammont totali ta' kuntratti finanzjarji u strumenti finanzjarji ta' mill-inqas EUR 500 biljun.

⁽¹³⁾ L-Artikolu 20(1)(b) tal-BMR.

⁽¹⁴⁾ Li jkunu kisbu aċċess għas-suq tal-UE permezz ta' rikonoxximent jew approvazzjoni. Dan minbarra għadd mhux magħruf ta' amministraturi mhux tal-UE li joffru parametri referenzjarji sinifikanti fl-UE skont id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali.

⁽¹⁵⁾ Jiġifieri, parametri referenzjarji referenzjati minn ammont totali ta' kuntratti finanzjarji u strumenti finanzjarji li jaqbeż l-EUR 50 biljun, jew [li] ma għandhom l-ebda sostitut jew ftit li xejn sostituti xierqa mmexxija mis-suq u [jistgħu jikkawżaw] impatt sinifikanti u negattiv fuq l-integrità tas-suq, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi jew negozji fi Stat Membru wieħed jew aktar.

⁽¹⁶⁾ Hedge Fund Research, Inc. (USA), ICAP Information Services Limited (UK), Invesco Indexing LLC (USA), JPX Market Innovation & Research, Inc. (Japan), Leonteq Securities AG (Switzerland), LPX AG (Switzerland), Nikkei Inc. (Japan), Scientific Infra Pte Ltd (Singapore), STOXX Ltd. (Switzerland), WisdomTree, Inc. (USA).

It-Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn l-ġhadd ta' amministraturi tal-parametri referenzjarji tal-UE u mhux tal-UE, skont l-informazzjoni li waslet mingħand l-ESMA, li hija bbażata fuq data minn Rimes Technologies - Ġestjoni tad-Data għas-Servizzi Finanzjarji (www.rimes.com)

Amministraturi tal-parametri referenzjarji	Totali	TAL-UE	MHUX TAL-UE
Numru totali	345	72	273
Disponibbli fl-UE⁽¹⁷⁾	86	72	14


Barra minn hekk, 259 amministratur ta' pajjiżi terzi li bħalissa mhumiex irreġistrati fl-UE jibbenefikaw mill-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 51(5) tal-BMR.⁽¹⁸⁾ L-ewwel 10 fost dawn l-259, f'termini ta' ġhadd ta' parametri referenzjarji offruti, huma bbażati fir-Renju Unit jew fl-Istati Uniti. Illustrazzjoni 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-ġhadd ta' amministraturi tal-parametri referenzjarji f'kull pajjiż u tippreżenta d-distribuzzjoni ġenerali tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji madwar id-dinja. Barra minn hekk, l-aqwa 10 amministraturi ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi jammontaw għal 98 % tal-parametri referenzjarji totali ta' pajjiżi terzi pprovduti. B'paragun ma' dan: l-akbar amministratur ta' pajjiżi terzi li bħalissa huwa rreġistrat (permezz ta' approvazzjoni jew rikonoxximent) fl-UE ma jikklassifikax fost l-aqwa 10 amministraturi tal-parametri referenzjarji globalment skont l-ġhadd ta' parametri referenzjarji pprovduti.

Dan ta' hawn fuq juri li ħamsa fil-mija biss tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji mhux tal-UE li l-parametri referenzjarji tagħhom huma attwalment disponibbli għall-użu fis-suq tal-UE kisbu status li jiżgura li l-parametri referenzjarji tagħhom jibqgħu disponibbli ladarba r-regoli tal-pajjiżi terzi jsiru obbligatorji.

⁽¹⁷⁾ Ladarba jibdedw japplikaw ir-regoli tal-pajjiżi terzi.

⁽¹⁸⁾ Skont l-informazzjoni li waslet mingħand l-ESMA, li hija bbażata fuq data minn Rimes Technologies - Ġestjoni tad-Data għas-Servizzi Finanzjarji (www.rimes.com).

Illustrazzjoni 1: L-għadd ta' amministraturi tal-parametri referenzjarji għal kull pajjiż madwar id-dinja (esklużi dawk diġà rreġistrati) ⁽¹⁹⁾



3. VALUTAZZJONI

Il-BMR tfassal biex japplika għall-parametri referenzjarji kollha, għall-amministraturi tal-parametri referenzjarji kollha u għall-użu kollu tal-parametri referenzjarji mill-entitajiet taħt superviżjoni tal-UE. L-entitajiet taħt superviżjoni tal-UE jistgħu jużaw biss parametri referenzjarji li jikkonformaw mal-BMR. Għall-amministraturi tal-parametri referenzjarji li jinsabu fl-UE, il-konformità mal-BMR hija obbligatorja u tirriżulta fid-disponibbiltà tal-parametri referenzjarji kollha tagħhom għall-użu fl-Unjoni. Għal parametri referenzjarji mhux tal-UE, ġew ipprovduti għadd ta' rotot ta' aċċess għal amministraturi mhux tal-UE. Madankollu, l-amministraturi tal-parametri referenzjarji mhux tal-UE - minbarra dawk li l-parametri referenzjarji tagħhom huma koperti minn deċiżjoni ta' ekwivalenza - jeħtieġ li jieħdu deċiżjoni pożittiva biex ifittxu konformità mal-BMR permezz ta' rikonoxximent jew approvazzjoni. Din id-deċiżjoni tiddependi fuq l-interess ekonomiku li s-suq tal-Unjoni jirrappreżenta għalihom.

Ġie preżunt li maż-żmien ġuriżdizzjonijiet mhux tal-UE jiżviluppaw regoli komparabbilment komprensivi għall-parametri referenzjarji finanzjarji. Dan kien jippermetti lill-Kummissjoni tirrikonoxxi dawk is-sistemi regolatorji bħala ekwivalenti jew kien jippermetti lill-amministraturi tal-parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi jfittxu aċċess għas-suq tal-UE permezz tar-rotot ta' rikonoxximent jew approvazzjoni mingħajr sforzi addizzjonali ta' konformità jew inqas. Madankollu, dan ma kienx il-każ. Mis-sistemi

⁽¹⁹⁾ Il-kategorija "Oħrajn" tinkludi: Iċ-Ċili, l-Indja, New Zealand, il-Federazzjoni Russa, Singapore u l-Afrika t'Isfel (bi tliet amministraturi kull wieħed); l-Emirati Għarab Magħquda, l-Arġentina, l-Awstralja, il-Baħrejn, il-Brażil, l-Eġittu, l-Indoneżja, l-Iżrael, in-Namibja, in-Niġerja, il-Filippini, it-Tajlandja, it-Turkiye u l-Vjetnam (b'żewġ amministraturi kull wieħed) u l-Kolombja, Guernsey, il-Ġamajka, il-Ġordan, il-Kenja, il-Kuwajt, il-Każakistan, is-Sri Lanka, il-Marokk, il-Montenegro, Mauritius, il-Messiku, il-Malasja, l-Oman, il-Panama, il-Pakistan, il-Qatar, is-Serbja, l-Arabja Sawdija, it-Tuneżija, Trinidad u Tobago, l-Ukrajna, l-Uganda, iż-Żambja u ż-Żimbabwe (b'amministratur wieħed kull wieħed).

mhux tal-UE ta' regolamentazzjoni tal-parametri referenzjarji, l-ebda waħda ħlief il-BMR tar-Renju Unit ma topera fuq il-bażi ta' ambitu ugwalment wiesa'.

Din is-sitwazzjoni taffettwa lill-utenti tal-parametri referenzjarji tal-UE, peress li l-applikazzjoni tar-regoli attwali tal-pajjiżi terzi skont il-BMR tista' tnaqqas b'mod drammatiku l-għadd u l-varjetà ta' parametri referenzjarji li l-entitajiet taħt supervizzjoni tal-UE jistgħu jużaw. Fost affarijiet oħra, dan ikun problematiku għas-settur tal-ġestjoni tal-assi, peress li jillimita l-għadd u l-varjetà ta' parametri referenzjarji disponibbli għall-fondi ta' investiment biex jirreplikaw il-prestazzjoni ta' parametru referenzjarju jew biex iqabblu l-prestazzjoni ta' fond ta' investiment ma' parametru referenzjarju, li t-tnejn li huma jitqiesu bħala użu ta' dak il-parametru referenzjarju skont il-BMR. Dan jista' jiddestabilizza s-settur tal-ġestjoni tal-assi tal-UE, u jista' jnaqqas il-kapaċità tal-utenti tad-derivattivi li jiħħeġġjaw l-attivitajiet tagħhom. Din id-destabilizzazzjoni tas-settur tal-ġestjoni tal-assi tal-Unjoni, minbarra l-kapaċità mnaqqsa għall-utenti tad-derivattivi li jiddependu fuq firxa wiesgħa ta' għażliet biex jiħħeġġjaw l-attivitajiet tagħhom minħabba l-kapaċità mnaqqsa ta' dawk id-derivattivi għal parametri referenzjarji ta' referenza ta' pajjiżi terzi, tista' timplika tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni. Fl-aħħar nett, suq iżgħar b'inqas atturi li joffru parametri referenzjarji x'aktarx li jkun inqas kompetittiv.

L-utenti u l-utenti finali tal-parametri referenzjarji tal-UE jiddependu b'mod sinifikanti fuq parametri referenzjarji amministrati barra mill-UE. Konsultazzjoni mmirata li saret fis-sajf tal-2022⁽²⁰⁾ indikat dan li ġej:

- **Mill-utenti tal-parametri referenzjarji** li wiegħbu għall-kwestjonarju, ħadd ma wiegħeb li l-attivitajiet tagħhom ma **kinux** jiddependu fuq parametri referenzjarji mhux tal-UE – għalkemm jista' jkun hemm preġudizzju fl-għażla (16 minn 20 utent irrappurtaw li l-attivitajiet tagħhom kienu jiddependu b'mod moderat, qawwi jew esklużiv fuq parametri referenzjarji mhux tal-UE)
- Ir-raġunijiet imsemmija għall-użu ta' parametru referenzjarju mhux tal-UE minflok alternattiva tal-UE jinkludu:
 - o drawwa: l-użu ta' parametru referenzjarju partikolari jkun prattika stabbilita, jew l-utent ikollu relazzjoni kummerċjali fit-tul jew wiesgħa mal-amministratur tal-parametru referenzjarju;
 - o **in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' alternattiva bbażata fl-UE**, pereżempju, f'ċerti swieq niċċa li huma intrinsikament marbuta ma' parametru referenzjarju speċifiku mhux tal-UE, bħas-suq tal-merkanzija xotta bl-ingrossa li jiddependi fuq parametri referenzjarji prodotti mill-Baltic Exchange, ibbażat f'Londra;
 - o **id-domanda tal-klijenti jew is-saħħa fis-suq ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji**: il-klijenti xi drabi jfittxu esponiment għal parametru referenzjarju speċifiku (ħafna drabi isem tad-ditta) mhux tal-UE, u ċerti parametri referenzjarji mhux tal-UE jitqiesu wkoll bħala mexxejja fis-segment tas-suq speċifiku tagħhom (pereż. il-familja tal-indiċi dinji tal-MSCI).
- Għalkemm diversi utenti tal-parametri referenzjarji jirrapportaw prinċipalment jew esklużivament bl-użu ta' parametri referenzjarji li bħalissa diġà jissodisfaw il-kriterji tar-regoli tal-pajjiżi terzi tal-BMR, jew jirrapportaw li huma fiduċjużi li l-

(20) Ara https://finance.ec.europa.eu/regulation-and-supervision/consultations/finance-2022-benchmarks-third-country_en għal rapport fil-qosor tat-tweġibiet għal din il-konsultazzjoni.

amministraturi tal-parametri referenzjarji li jużaw se jieħdu l-passi meħtieġa fil-ħin, għad hemm inċertezza sinifikanti dwar id-disponibbiltà futura ta' ħafna parametri referenzjarji mhux tal-UE. F'ħafna każijiet (58 %; 11 minn 19), l-amministraturi li l-parametri referenzjarji tagħhom għadhom mhumiex konformi mal-BMR għadhom ma infurmawx sistematikament lill-utenti tal-UE tagħhom dwar l-intenzjonijiet tagħhom li jikkonformaw.

Meta l-użu ta' parametri referenzjarji mhux tal-UE jkun rispons għal domandi speċifiċi minn utenti finali jew karatteristiċi speċifiċi ta' skopertura jew ta' ħħeġġjar imfittxija mill-utenti finali li ma jistgħux jiġu ssodisfati mill-parametri referenzjarji tal-UE, ir-restrizzjoni tal-użu tagħhom minn entitajiet taħt supervizzjoni tal-UE tista' tispostja d-domanda għal prodotti u servizzi finanzjarji li jirreferenzjaw dawn il-parametri referenzjarji ma' fornituri ta' servizzi finanzjarji barra mill-UE. Tabilħaqq, meta d-domanda ta' investitur jew ta' negozju ma tkunx tista' tiġi ssodisfata minn bank jew fond ta' investment tal-UE (minħabba l-inabbiltà li ssir referenza għal parametru referenzjarju mhux tal-UE), id-domanda tista' tinbidel għal fornituri f'ġuriżdizzjonijiet li ma jillimitawx l-aċċess għal dawn il-parametri referenzjarji.

4. IL- PASSI LI JMISS

L-għadd attwali ta' parametri referenzjarji amministrati f'pajjiżi terzi li jintużaw fl-UE f'konformità mar-rotot ta' aċċess tal-ekwivalenza, ir-rikonossiment, u l-approvazzjoni tal-BMR huwa baxx meta mqabbel mal-għadd totali ta' parametri referenzjarji disponibbli madwar id-dinja. Jekk ir-regoli applikabbli għal parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi jidħlu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2023, l-użu kontinwu fl-Unjoni ta' tali parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi minn entitajiet taħt supervizzjoni jkun imfixkel b'mod sinifikanti jew ikun ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel użu mill-għoti tas-setgħa fl-Artikolu 54(7) biex tadotta att delegat li jipposponi d-dħul fis-seħħ tar-regoli li jirregolaw l-użu ta' parametri referenzjarji mhux tal-UE sal-31 ta' Diċembru 2025. Filwaqt li tinnota d-differenzi bejn ir-reġim tal-UE u ġuriżdizzjonijiet oħra, il-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-applikazzjoni tal-BMR fl-UE u r-riskji relatati għall-istabbiltà finanzjarja biex tinforma rieżami possibbli tar-reġim legali fil-futur.